MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 897/2009/1

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Nicholas Curmi, Miriam Mifsud, Jorin Gauci, Anthony Chircop, Joseph Chircop, Marcelline Buttigieg, Hubert Paul Farrugia, Louis Bishop, Charmaine Pisani Grixti, John Micallef, Chris Gouder, Alice Felter, Yanica Demanuele, Elaine Abela, Maria G Zarb Grech, Malcolm Bugeja, Emanuela Nagiah, Manfred Galdes, Sarah Marie Hili, Stefania Grech, Alfred Attard, Sempronia Saliba, Maria Victoria Farrugia, Andre Xuereb, Alexia Cordina, Deborah Cutajar, Vincent Pace, Theresa Zammit, Madelene Briffa, John Mercieca skont il-ligi u l-polza (claim numru T074076)**

**vs**

**RyanAir Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-20 ta' Gunju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob is-somma ta' elfejn, wiehed u disghin ewro u tnax-il centezmu (€2,091.12) rapprezentanti kumpens imhallas mis-socjeta' attrici lill-assigurati taghha ghal danni sofferti mill-assikurati tas-socjeta' attrici in segwitu ghal hsarat jew non delivery ta' bagalji jew buggies wara titjiriet li l-assikurati ghamlu mal-kumpanija' tal-ajru Ryan Air Limited (ara prospett Dok A) u ghal liema danni hija responsabbli s-socjeta' konvenuta.*

*Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn intqal illi qed topponi ghat-talba tal-hlas stante li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Ra r-risposta ulterjuri tas-socjeta' konvenuta mhux opposta mis-socjeta' attrici fejn intqal,*

*1. Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta' attrici hija perenta bit-trapass tat-terminu stabbilit fl-artikolu 31 tal-carriage By Air (International and Non-International Carriage) Order (Avviz legali 63/91) li dahhal fis-sehh il-provvedimenti tal-Konvenzjoni ta' Montreal (Convention for the Unification of Certain Rules relating to International Cariage by Air tal-1929 kif ukoll tar-Regolament numru 889/02 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (li jemenda rregolament tal-kunsill numru 2027/97) u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*2. Illi t-talba tal-kumpanija rikorrenti inkluz dawk dwar ir-rifuzjoni tat-taxxa huma perenti ukoll skont il-kuntratt bejn*

*is-socjeta' konvenuta u l-assigurati li huma rifless ukoll fit-terms and conditions and general conditions of carriage policy tas-socejta' konvenuta' illi kien jezigi li: "15.1.2 if you wish to file a claim or an action regarding damage to checked baggage you must write and complain within seven days and in the case of delay within 21 days in both cases from the date on which the baggage was place at your disposal" u "4.2.1 government taxes imposed in respect of a flight to be operated by us and undertaken by your at levels prevailing at the time you make your reservation. If you may apply in writing within one month for a full refund subject to a reasonable administration fee";*

*3. Illi l-assigurati u sahansitra s-socjeta' attrici qatt ma nnotifikaw lis-socjeta' esponenti la fit-terminu stipulat skont il-ligi u l-kuntratt u lanqas wara dan it-terminu u dan naturalment sakemm innotifikaw it-talbiet taghhom permezz ta' dan l-avviz li allura kien tardiv wisq;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr prgudizzju ghal dak suespost it-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' danni u / jew nuqqasijiet rapprezentanti total ta' kumpens allegatament moghti mis-socjeta' attrici lill-assigurati taghha ghall-hsarat u / jew nuqqasijiet fil-bagalji tal-assigurati taghha meta allegatament kienu taht irresponsabilita' tas-socjeta' konvenuta hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghal diversi ragunijiet kif gejjien;*

*5. Illi s-socjeta' attrici ma taghti ebda spjegazzjoni ta' kif l-istess socjeta' attrici waslet ghall-ammonti fit-talba taghha u li ghal kull talba rispettiva, li wiehed irid japprezza hija individwali minn ohra hemm bzonn qabel xejn prova minn naha tas-socjeta' attrici illi fil-fatt is-socjeta' attrici verament hallset l-ammont mitlub ghall-allegat hsara u / jew nuqqas kif ukoll prova tal-valur veru tal-bagalji li allegatament kellhom il-hsara jew nuqqas;*

*6. Illi numru mit-talbiet li qed taghmel is-socjeta' attrici huma vessatorji u dan ghaliex is-socjeta' konvenuta diga' hallset lill-assigurati rispettivi ammonti li qeghdin jergghu jigu mitluba fl-avviz tallum;*

*7. Illi numru mit-talbiet relattivi ghar-rifuzjoni ta' taxxa u minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar ukoll huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fi kwalunkwe kaz huma eccessivi stante li s-socjeta' attrici m'hiex biss titlob ghar-rifuzjoni tat-taxxa migbura izda qieghda titlob ukoll ammonti u spejjez ohra li m'humiex rimborzabbli skont il-kuntratti relattivi mal-passigieri;*

*8. Illi barra minhekk is-socjeta' attrici kellha tkun taf ukoll illi skont il-kuntratt bejn l-assigurati u s-socejta' esponenti u l-policy tas-socjeta' konvenuta f'kull kaz bhal dan ghandu dejjem japplika administration fee ta' tmintax-il (18) ewro li jitnaqqas mill-ammont rifuz u ghalhekk minghajr pregudizzju jekk ikun il-kaz li s-socjeta' esponenti jkollha taghti rifuzjoni ta' danni u / jew taxxi dan l-ammont ghandu jitnaqqas.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza;*

*Sema' x-xhieda ta' John Galdes, Raphael sive Effie Briffa, Louis Degiorgio, Aillen Healey*

*Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;*

***Ikkunsidra:***

*Illi mill-provi attrici jirrizulta li din hija talba ghal hlas ta' somma rapprezentanti kumpens imhallas mis-socjeta' attrici lill-assigurati taghha ghal danni sofferti mill-assikurati tas-socjeta' attrici in segwitu ghal hsarat jew non-delivery ta' bagalji jew buggies wara titjiriet li l-assikurati ghamlu mall-kumpannija' tal-ajru Ryan Air Limited u ghal liema danni qed jigi allegat li hija rresponsabbilita' tas-socjeta' konvenuta.*

*Illi dawn id-danni kienu sofferti mill-assikurati tas-socjeta` attrici meta dawn kienu gejjin minn vjagg fuq ajruplan tas-socjeta` konvenuta u wara l-procedura segwita mill-istess socjeta` meta l-istess utenti intavolaw it-talbiet taghhom maghha ghar-risarciment tad-dannu minnhom soffert. Illi d-danni sofferti mill-assikurati indikati kienu jirrigwardaw*

*telf ta’ valiggi tas-safar u buggy u /jew serq t’ oggetti mill-istess.*

*Illi dawn kollha gew debitament investigati u riskontrati kif dovut mis-socjeta` attrici li eventwalment ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurati taghha.*

*Illi tenut kont tas-suespost, is-socjeta` attrici giet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha u peress li t-talba taghha ghal risarciment tal-istess kienet respinta mis-socjeta` konvenuta, kienet kostretta tintavola din il-procedura.*

*Illi skont ix-xhieda tas-socjeta’ attrici hija kienet assigurat numru ta’ persuni li vvjaggaw mal-linja tal-ajru Ryan Air u li sofrew nuqqasijiet fuq il-bagalji taghhom bil-konsegwenza li huma mbaghad gew kkumpensati mis-socjeta’ attrici, u din l-istess socjeta’ giet surrogata fid-drittijiet taghhom u konsegwentement talbet lis-socjeta’ konvenuta tirrifondi l-ammont minnha mhallas lill-assikurati taghha. Illi l-procedura adottata f’dan il-kaz bhal f’kazijiet simili huwa li l-passigier li jkun sofra xi irregolarita’ mall-wasla tat-titjira tieghu jimla’ Property Irregularity Report (PIR) fl-ajruport ta’ fejn ikun wasal. Dan ir-rapport jigi mdahhal f’sistema komputerizzata u mibghut lill-linji tal-ajru li mieghu l-passigier ikun vjagga, dak il-hin stess. F’dak il-mument il-linja tal-ajru ikollha access ghar-rapport imhejji mill-passiggier.*

*Sema’ x-xhieda ta’ Louis Degiorgio, Ground Handling Manager ta’ Servisair /Globe Ground fejn spjega rrelazzjoni li din is-socjeta’ ghandha mas-socjeta’ konvenuta bhala rapprezentanti taghha f’Malta bhala ground handling agent. Spjega s-sistema ta’ kif passiggier ghandu jimla’ Property Irregularity Report (PIR) u kif dan ir-rapport jigi trasmess lil linja Ryan Air fil-pront. Intqal illi l-PIR m’hijiex meqjusa mis-socjeta’ konvenuta bhala claim. Spjega wkoll kif claims dwar minor damages lanqas jitnizzlu fir-rapport ghaliex minor damages ma jigux kunsidrati mis-socjeta’ konvenuta.*

*Illi fil-PIR jitnizlu biss hsarat mhux minuri u /jew dewmien ta’ bagalji.*

*It-Tribunal sema’ x-xhieda ta’ Effie Briffa li huwa direttur ta’ socjeta’ li hija socjeta’ maqbuda mis-socjeta’ attrici sabiex tivvaluta hsarat fil-bagalji (Travellers Limited,) u li hija s-socjeta’ li tiddeciedi jekk il-baggalja tistax tissewwa jew ghandhiex tigi rimpjazzata wara li l-klijent ikun ghamel dan il-claim mas-socjeta’ attrici, s-socjeta’ assiguratrici tal-passiggier.*

*Illi wara l-valutazzjoni, Travellers Ltd tibghat il-kontijiet lis-socjeta’ attrici ghall-hsarat tal-bagalji jew ghar-rimpjazzar tal-baggalji b’wahda gdida.*

*Illi in via di eccezzjoni s-socjeta’ konvenuta allegat illi t-talbiet attrici huma marbuta bit-trapass ta’ sebatt (7) ijiem jew wiehed u ghoxrin (21) gurnata skont il-kaz a tenur tal-artiklu 31 tal-Carriage by Air (International and Non International Carriage) Order. Din il-ligi hija derivata mill-konvenzjoni internazzjonali ta’ Montreal li holqot regolamenti u proceduri uniformi mal-linji tal-ajru kollha sabiex il-passigieri jkunu jafu sewwa x’inhuma d-drittijiet taghhom kif ukoll dawk spettanti minnhom. Illi l-ligi hija bbazata fuq il-principju ta’ restituzzjoni xieraq fejn il-konsumatur inghata certa protezzjoni u drittijiet waqt vjaggi bl-ajru. Illi dan il-korp ta’ ligi jorbot lill-linji tal-ajru inkluzi s-socjeta’ konvenuta. Illi l-artiklu ta’ din il-ligi huwa marbut ma’ kumpens fuq baggalji jew oggetti personali dannegjati taht l-artiklu 31 tal-istess ligi hawn fuq citata.*

*Fejn illi fil-kaz ta’ hsarat subiti fil-bagalji, il-klijent ghandu jilmenta mall-carrier immedjatament meta jiskopri l-hsara u ghandu sebat’ ijiem fil-kaz ta’ bagalji li gew checked-in; u erbatax-il gurnata fil-kaz ta’ merkanzija. Illi fil-kaz ta’ dewmien tal-wasla ta’ baggalja il-klijent ghandu wiehed u ghoxrin gurnata mid-data ta’ meta l-bagalja jew merkanzija tkun giet a disposizzjoni tal-klijent.*

*Kull ilment ghandu jsir bil-miktub fiz-zmien indikat.*

*Illi fil-kaz in kwistjoni l-parti tal-ligi li jinteressa dan il-kaz huwa sebat ijiem. Illi skont is-socjeta' attrici l-assigurati taghha kienu lkoll ghamlu ilment minnufih permezz ta' PIR tramite s-socjeta' Servisair jew Globe Ground skont il-kaz.*

*Illi kif appena jsir l-ilment skont is-sistema tal-PIR, l-principal ta' Servisair jew Globe Ground bhala l-ground handling agent tas-socjeta' konvenuta ikollu access immedjat ghal dan l-ilment fuq is-sistema tieghu.*

*Illi meta l-ilment jigi mdahhal bhala PIR, immedjatament l-ilment ikun fuq is-sistema tal-principal. Din l-informazzjoni giet ikkonfermata mill-ground handling agent tas-socjeta' konvenuta. Intqal mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici li din is-sistema hija uzata mal-linji tal-ajru li s-socjeta` attrici jkolla xoghol maghhom fosthom, Air Malta, British Airways, GB Airways, Alitalia, Emirates, Lufthansa u ohrajn fejn dejjem accettaw il-PIR bhala notifika tal-hsarat jew nuqqasijiet u li konsegwentement din il-ligi tirrizarcixxi lis-socjeta' attrici skont il-kaz.*

*Illi skont is-socjeta' attrici jekk il-linja ta' l-ajru Ryan Air ma taccettax il-PIR bhala l-ilment bil-miktub hija tkun qieghda tmur kontra l-ispirtu tal-Montreal Convention. Intqal ukoll mis-socjeta' attrici li jekk is-socjeta' konvenuta trid tenforza it-terms and conditions taghha fil-kaz ta' nuqqasijiet u hsarat fil-valiggi hija tkun qieghda tmur kontra l-ispirtu tal-istess konvenzjoni internazzjonali ta' Montreal. Illi in sostenn ta' dan, is-socjeta' attrici spjegat kif jista' jkun il-kaz li klijent li jkun siefer barra minn pajjizu jkun ha jdum iktar minn sebat ijiem u ma jkollux access ghal kompjuter u meta jigri hekk, il-klijent ma jithalliex jaghmel il-claim ghaliex ikunu ghaddew is-sebat ijiem kif rikjest fit-terms and conditions tas-socjeta' konvenuta.*

*Intqal ukoll illi l-Montreal Convention qieghda hemm sabiex tirregolarizza u tipprotegi lil konsumaturi b'mod uniformi.*

*Intqal ukoll illi s-sistema adoperata mis-socjeta' konvenuta hija iktar oneruza ghall-klijent u jmorru oltre l-proceduri uniformi adottati mil-linji tal-ajru l-ohra. Illi l-Montreal*

*Convention qieghda hemm sabiex tipprotegi il-passigier Intqal ukoll illi s-socjeta' konvenuta tmur 'l hinn mill-Montreal Convention sabiex taghmilha ferm aktar difficili ghall-passigieri biex jithallsu ghad-danni li huma jkunu sofrew.*

*Is-socjeta' attrici sostniet illi l-Montreal Convention ighid illi linja tal-ajru m'ghandhiex timponi kundizzjonijiet konfliggenti mal- istess Montreal Convention.*

*Illi skont is-socjeta' konvenuta jinghad illi l-PIR ghandu jkun esegwit b'ilment bil-miktub maghmul u mibghut lil Ryan Air f'sebat ijiem ghal hsarat fil-bagalji mal-wasla tal-passigier, sabiex il-claim tigi accettata skont it-terms and conditions, General Conditions of Carriage fl-artiklu 15.1.2 kif imposti mis-socjeta' konvenuta u l-artiklu 31 tal-Montreal Convention. Illi hemm ukoll imnizzel li l-passiggier ghandu wiehed u ghoxrin gurnata meta jkun hemm dewmien ghal wasla tal-bagalji u sentejn zmien sabiex isir ilment meta tintilef bagalja.*

*Illi skont is-socjeta' attrici hija l-prassi li passiggier jaghmel ilment minnufih u tali ilment huwa kkunsiderat bhala l-claim. Illi mkien fil-Montreal Convention m'hemm miktub illi klijent li jkun sofra xi nuqqas fil-bagalja tieghu ghandu l-ewwel jilmenta u jimla PIR u mbghad jaghmel claim separat fi zmien sebat ijiem. Illi gie ribadut mis-socjeta attrici li din is-sistema hija rekwizit mahluq unikament minn Ryan Air Limited bhala mezz sabiex jevitaw ihallsu claim. Illi dan ir-rekwizit imur oltre dak mitlub mill-Montreal Convention u ghalhekk m'ghandhiex tigi applikata. Illi jekk ir-rekwiziti tal-Montreal Convention gew sodisfatti permezz tal-PIR m'ghandux ikun hemm oneru zejjed fuq il-passigier. Illi skont is-socjeta' attrici kull darba li kien hemm ilment segwit skont it-terms and conditions ta' Ryan Air, dawn xorta wahda ma gewx accettati ghaliex gew ikkunsidrati bhala minor claims u minor claims ma jittiehdux in kunsiderazzjoni anke jekk hadd min-naha ta' Ryan Air ma jkun ra l-bagalja izda jibbazaw d-decizjoni taghhom skont xi jkun hemm imnizzel fil-PIR. Illi gie ribadut ukoll mis-socjeta' attrici li fil-Montreal Convention m'hemmx distinzjoni bejn jekk il-hsarat ikunux minor u*

*ghaldaqstant m'humiex kumpensati jew jekk il-hsarat jixirqilhom kumpens. Illi fil-kaz in kwistijoni l-kaz tal-assigurata Miriam Mifsud, din il-klijenta kienet issodisfat ir-rekwiziti kollha ghal procedura tal-ilment skont it-terms and conditions tal-linja tal-ajru Ryan Air izda l-passiggiera naqset meta ma kellhiex l-ircevuta originali tal-bagalji li hija kienet xtrat u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta m'accettatx il-claim.*

*Inghad illi n-nuqqas tal-klijent kien illi ma kienetx zammet l-ircevuta tal-hlas tal-bagalja u minhabba dan in-nuqqas is-socjeta' konvenuta harrbet mill-obbligi taghha u l-claim giet totalment injorata.*

*Illi fil-kaz quddiem dan it-Tribunal apparti minn nuqqasijiet u hsarat fil-bagalja kien hemm zewg claims wara ghejbien ta' zewg bagalji. Intqal mis-socjeta' attrici, li f'dan il-kaz iz-zmien ta' sebat ijiem jew wiehed u ghoxrin gurnata ma japplikax u tapplika biss id-dritt t'azzjoni li ghandha tkun intavalota fi zmien sentejn minn meta tkun intilfet il-bagalja.*

*Illi f'dan il-kaz, il-bagalja intilfet fit-13 ta Jannar 2009 u ghalhekk il-kawza giet intavolata qabel l-iskadenza taz-zmien ta' sentejn. Illi ghalkemm intbghatet id-dokumentazzjoni kollha rikjesta mis-socjeta' konvenuta, s-socjeta' konvenuta qatt ma tat spjegazzjoni ghaliex ma thallsitx din il-claim. Illi f'dan il-kaz it-trapass taz-zmien ma kienx ghadda u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu skont il-Montreal Convention illi tikkumpensa lil passigier taghha ghall-in circa elf u mitt ewro (€1,100) kull persuna izda l-klijent kien qieghed jitlob tmien mija sebgha u hamsin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€857.71).*

*Illi dwar dan il-kaz partikolari, s-socjeta' konvenuta qalet illi ghal dan il-kaz hija ghadha qed tistenna l-ircevuti relattivi ghall-bagalja u l-kontenut taghha.*

*Illi skont il-provi tas-socjeta' konvenuta intqal illi skont l-artiklu 15.1.2 tat-Terms and Conditions kif ukoll il-General Conditions of Carriage tas-socjeta' konvenuta kull passigier jaccetta dawn il-kundzzijonijiet qabel ma*

*jikkonferma l-booking tieghu. Illi skont l-artiklu 15.1.2 "if you wish to file a claim or an action regarding Damage to Checked Baggage, you must write and complain as soon as possible. In the case of Damage to Checked Baggage, you must write and complain within seven (7) days and in the case of delay within twenty-one (21) days, in both cases from the date on which the baggage was placed at your disposal".*

*Illi l-kundizzjoni ta' sebat' ijiem mill-hsara fil-bagalji hija konformi mal-ligi internazzjonali hekk imsejjha Montreal Convention partikolarment a tenur tal-artiklu 31 tal-istess konvenzjoni. Illi l-PIR wahdu m'huwiex bizzejjed sabiex ilment ikun ittrattat mil-linja tal-ajru Ryan Air. Illi l-PIR huwa biss l-ewwel pass u l-PIR ghandu jigi segwit bil-miktub lil-linja tal-ajru Ryan Air fi zmien sebat' ijiem sabiex il-claim tigi accettata u illi dawn il-kundizzjonijiet huma konformi mall-Montreal Convention. Illi meta jircevu din il-claim fi zmien sebat' ijiem huma jezigu l-ircevuti originali ta' meta nxtara l-oggett ta' kollox mitlub fil-claim u Ryan Air tibghat il-claim u l-ircevuti lil loss adjustors taghha li jevalwaw il-claim.*

*Illi huma jhallsu skont kif jigi dettat lilhom mill-loss adjustors jekk ikun il-kaz. Illi skont l-artiklu 14.4.7 rigwardanti minor damages tal-istess Terms and Conditions kif ukoll il-General Conditions of Carriage tas-socjeta' konvenuta jghid '…we shall have no liability for …….. superficial damage caused to baggage as a result of normal wear and tear during carriage'. Dan ifisser illi jekk il-bagalji jgarrbu hsara minuri bhal ma hija girfa jew hsara ohra simili li l-bagalja xorta wahda tkun tista' tigi uzata, il-claim tigi rifjutata. Illi dwar valiggja li tigi misplaced gie kkonfermat illi l-passiggier ghandu wiehed u ghoxrin gurnata mill-gurnata li l-bagalja tigi mitlufa. Jekk valigja tintilef il-passiggier ghandu sentejn sabiex jaghmel il-claim mas-socjeta' konvenuta. Illi s-socjeta' konvenuta f'dawn iz-zewg kazijiet tezigi ricevuti. Illi intqal ukoll illi kwalunkwe' claim ta' passiggier li ma jkunx ottempera ruhu maz-zmien minnu accettat sabiex jaghmel il-claim, is-socjeta' konvenuta tichad tali claims tardivi. Illi fil-kaz in ezami rigward in-nuqqasijiet fil-bagalji, s-socjeta'*

*konvenuta kkonfermat illi hija ma accettatx dawk il-claims ghaliex dawn ma kienux saru fi zmien sebat ijiem skont il-kundizzjonijiet illi l-passiggieri kienu ftehmu dwarha.*

*Ra li claims li li gew segwiti permezz t'ittra, intqal illi dawn jew mibghuta tardivament u ghalhekk gew michuda mil-linja tal-ajru Ryan Air.*

*Ra lli dawk il-claims li gew maghmulin fiz-zmien perenti ma setghux jithallsu ghaliex il-hsara kienet minuri skont l-artiklu 14.4.7 2 tat-Terms and Conditions kif ukoll il-General Conditions of Carriage tas-socjeta' konvenuta li accettaw l-istess passiggieri.*

*Ra illi dwar il-bagalji mitlufin intqal li fil-kaz ta' claim wiehed is-socjeta' konvenuta talbet r-ricevuta originali tal-bagalja u qatt ma kienu rcevew tali dokumentazzjoni. Illi rigward it-tieni claim dwar il-bagalja mitlufa intqal illi din il-claim qatt ma waslet lis-socjeta' konvenuta u kienet ghadha qed tistenna din il-claim ta' ghejbien flimkien mal-lista bil-kontenut tal-bagalja u r-ricevuti tal-kontenut.*

*Wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu u wara li gharbel id-dokumenti kollha ezebiti in atti, t-Tribunal huwa sodisfatt illi meta l-klijenti tas-socjeta' attrici rraportaw in-nuqqasijiet ma' Globeground/Servisair bhala s-socjeta' li tirraprezenta lis-socjeta' attrici, il-PIR li mtela' mill-klijent ma giex ikkunsidrat bhala l-claim skont l-artiklu 15.1 tat-Terms and Conditions tas-socjeta' konvenuta. It-Tribunal jirrileva li fil-printout tal-PIR, il-klijent kellu miktub illi dan ir-rapport ma jitqiesx bhala claim u l-klijent ghandu jikteb lil Ryan Air fi zmien sebatt ijiem (ara document PIR16, a fol 46).*

*It-Tribunal ra l-vertenza odjerna hi wahda dependenti minn struttura procedurali stretta naxxenti mill-kundizzjonijiet ta' natura kemm ta' ligi internazzjonali kif ukoll dik ta' ligi rigwardanti d-dritt privat u dak li jakkomuna t-tnejn hu r-rigorozita` legali pretiza f'relazzjonijiet bhal dawk in dizamina.*

*Illi ghal dak li jirrigwardja d-danni sofferti mill-passiggieri tas-socjeta` intimata jirrizulta li kwalunkwe talba ghal risarciment kellha ssir bi procedura mahsuba appozita li mill-provi prodotti ma jirrizultax li saret kif statutorjament prestabbilit jew kif kontrattwalment stabbilit bejn il-partijiet.*

*Illi di piu`, rigward it-talba ghal ghejbien ta' bagalji jirrizulta wkoll assodat li jew ma sarux talbiet appoziti u wisq anqas, saru fiz-zmien kontrattwalment stipulat. Illi fil-mertu s-somma mitluba rapprezentanti total ta' kumpens mhallas mis-socjeta` rikorrenti lill-assigurati taghha ghal hsarat u/jew nuqqasijiet fil-bagalji tal-assigurati taghha, s-socjeta` attrici spjegat kif waslet ghall-ammonti fit-talba taghha. Izda mill-provi fehem illi s-socjeta' konvenuta ghandha sistemi differenti ta' kif tevalwa l-hsarat u x'tip ta' provi ghandha bzonn. Illi filwaqt illi s-socjeta' attrici tapprezza li klijent mhux dejjem jista' jkollu l-ircevuti originali tal-prodotti reklamati minnu, hija taccetta li taghmel evalwazzjoni fuq stima. Illi fil-kaz tas-socjeta' konvenuta, hija prassi taghha li tezigi l-ircevuti originali kemm tal-bagalja kif ukoll il-kontenut taghha. Illi jirrizulta li hemm divergenza bejn il-policies ta' rimbors adottati bejn il-partijiet. Filwaqt illi fil-kaz tas-socjeta' konvenuta din adottat policy strettissima dwar ir-rimbors ta' oggetti li jigu reklamati, s-socjeta' attrici m'hijiex daqstant stretta.*

*Skont is-socjeta' attrici, l-Montreal Convention qieghda hemm sabiex tirregolarizza u tipprotegi lil konsumaturi b'mod uniformi izda s-sistema adoperata mis-socjeta' konvenuta hija iktar oneruza ghall-klijent u jmorru oltre l-proceduri uniformi adottati mil-linji tal-ajru l-ohra. Illi l-Montreal Convention qieghda hemm sabiex tipprotegi il-passiggier u s-socjeta' konvenuta tmur 'l hinn mill-Montreal*
*Convention sabiex taghmilha ferm aktar difficili ghall-passiggieri biex jithallsu ghad-danni li huma jkunu sofrew u*
*tezigi l-ircevuti orignali tax-xiri ta' oggetti.*

*Illi normalment, persuna li ssofri danni bhal dawk in dizamina hi marbuta li tilmenta mas-socjeta` li ssiefer maghha jew malli tinduna b'dan id-dannu, jew ghall-inqas,*

*fi zmien sebat (7) ijiem fil-kaz ta' valiggja, jew erbatax-il (14) gurnata f'kaz ta' garr ta' merkanzija. Illi di piu`, f'kaz ta' dewmien, l-ilment ghandu jigi intavolat fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata minn meta l-valiggja jew il-merkanzija tigi ghad-dispozizzjoni tal-lanjant. Illi in oltre, kull ilment ghandu tassattivament isir bil-miktub. Bil-konsegwenza li jekk ebda ilment ma jsir entro l-limiti fuq indikati allura l-ebda azzjonijiet ma jkunu jistghu jigu ndirizzati fil-konfront tas-socjeta` li ggorr tali valiggi jew merkanzija. Illi s-suespost jirrizulta wkoll konsolidat mill-kundizzjonijiet tal-garr konkluz bejn is-socjeta` intimata u l-assigurati nvoluti fil-vertenza odjerna fit-Terms and Conditions li l-passiggier jaccetta malli jixtri l-biljett mis-socjeta' konvenuta.*

*B'riferiment partikolari ghall-kaz odjern ghall-klawzola 15.1.2: "If you wish to file a claim or an action regarding Damage to Checked Baggage, you must write and complain as soon as possible. In the case of Damage to Checked Baggage, you must write and complain within seven (7) days and in the case of delay within twenty-one (21) days, in both cases from the date on which the baggage was placed at your disposal. Dan il-ftehim gie rassodat mill-klijent meta jimla' l-PIR mar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta malli jinduna bin-nuqqasijiet fil-bagalji tieghu..*

*Illi fil-kaz in ezami certi passigieri nvoluti ma jirrizultax li lmentaw direttament mas-socjeta` ntimata fil-perjodu kontrattwalment stipulat u dan, nonostante li ntavolaw l'hekk imsejjah Property Irregularity Report (PIR), peress li dan la hu rapport fit-termini tar-regolamenti u kundizzjonijiet fuq citati, u lanqas m'intbaghat direttament lis-socjeta' ntimata kif hemm miktub. Illi ghalkemm jirrizulta li saru rapporti dwar hsarat sofferti mas-socjeta` li tiehu hsieb dawn l-ilmenti, (Globeground/Servisair), hemm kazijiet fejn il-PIR ma jirrizultax li nghaddew, lis-socjeta` ntimata fit-terminu preskritt u hemm kazijiet fejn il-PIR m'huwiex bizejjed ghas-socjeta' konvenuta u tezigi ricevuti u li l-ilmenti jsiru bil-mitkub.*

*Illi rigward l-ilmenti li saru fiz-zmien stipulat ta' sebat ijiem, is-socjeta' konvenuta talbet kemm ghal prova tal-bagalja u kemm tal-kontenut fejn kien hemm ghejbien.*

*Illi dwar kaz wiehed ta' ghejbien ta' bagalja s-socjeta' konvenuta qalet illi ma kienet irceviet xejn u ghadha sallum qieghda tistenna li tircevi l-ilment tal-ghejbien. Il-Montreal Convenion fl-artiklu 31 isemmi "every complaint must be made in writing and given or despatched within the times aforesaid". Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi din il-klawsola tfisser illi l-claim ghandha tintbghat fi zmien sebat ijiem u mhux li ghandha tasal f'sebat ijiem. Illi l-istess Montreal ma taghmilx distinzjoni bejn minor damages u hsarat ohra izda din hija policy ohra adottata mis-socjeta' konvenuta u li giet accettata mill-passigier meta ghamel il-booking. Illi huwa minnu li l-Montreal Convention qieghed hemm sabiex jirregolarizza u jipprotegi lil konsumaturi b'mod uniformi u huwa minnu ukoll illi s-sistema adoperata mis-socjeta' konvenuta hija iktar oneruza ghall-klijent u jmorru oltre l-proceduri uniformi adottati mil linji tal-ajru l-ohra. Illi huwa minnu ukoll illi s-socjeta' konvenuta taghmilha ferm aktar difficili ghall-passigieri biex jithallsu ghad-danni li huma jkunu sofrew. Izda hija l-fehma tat-Tribunal illi l-kompitu ta' dan it-Tribunal huwa biss li jaqta' u jiddeciedi kazijiet ta' money claims. Illi jekk is-socjeta' attrici tikkunsidra li l-kundizzjonijiet imposti mis-socjeta' konvenuta kif accettati mill-klijent taghha meta ghamel il-booking, huma irregolari jew oneruzi, dan l-ilment ghandu jigi indirizzat gewwa forum iehor u mhux quddiem dan it-Tribunal.*

*It-Tribunal finalment jirrileva li paragrafu 6, 7 u 8 tal-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentati mis-socjeta' konvenuta ma jirrigwardawx it-talba. Illi fil-kaz in ezami ma jirrizultax ebda talba ghal rifuzjoni ta' taxxa. It-Tribunal ra li mkien m'irrizulta fil-kaz quddiem dan it-Tribunal illi hemm talba ghal rifuzjoni ta' taxxi u li dan il-kaz jirrigwarda biss hsarat u ghejbien ta' bagalji u buggy. Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddikjara li tali eccezzjonijiet mhumiex relatati mat-talbiet u huma vessatorji u jmorru 'l hinn mit-talbiet attrici. Konsegwentement, rrigetta l-paragrafi 6,7 u 8 tal-eccezzjonijet ulterjuri u l illimita ruhu biss ghall-*

*eccezzjonijiet rigwardanti l-mertu tal-kaz fid-deliberazzjoni tieghu.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess u minkejja li parti mill-eccezzjonijet ulterjuri irrizultaw vessatori u 'l hinn mit-talbiet attrici, it-Tribunal ma jirrizultalux illi s-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiett tal-assigurati taghha, ippruvat il-kaz taghha u konsegwentement qieghda tichad it-talba.*

*Spejjez tal-kawza sopportati mis-socjeta' attrici."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited datat 8 ta' Lulju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-7 ta' Dicembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta' Ryan Air Limited datata 31 ta' Awwissu 2011 a fol 23 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar (Tribunal) hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Dicembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-appellant, John Galdes ghall-istess, u Dr Nicole Vella ghas-socjeta` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 20 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (1) la darba issir l-lment (*“complaint”*) permezz ta’ dak li huwa maghruf bhala *“property irregularity report”* (PIR) li jsir minnufih jew *forthwith* jew mhux aktar tard minn 7 t’ijiem mir-ricevuta tal-bagalji li kienu *checked* mela allura dan huwa meqjus bhala konformi ma’ dak li jipprovdi l-**artikolu 31 tal-Montreal Convention;** dan l-ilment sar fil-kaz in ezami ma’ GlobeGround Malta Limited li hija l-*groundhandling agent* ta’ Ryan Air u fil-fatt dan ir-rapport tinghata kopja tieghu lill-passiggier u lil Ryan Air u dan jissodisfa r-rekwiziti tal-imsemmi artikolu li lment ghandu jsir minnufih jew fiz-zmien stipulat u li ghandu jsir bil-miktub, u huwa f’dan id-dawl li r-rekwiziti tat-*Terms and Conditions and General Conditions of Carriage Policy* ta’ Ryan Air ghandhom jigu interpretati meta dawn minn naha taghhom jipprovdu li *“if you wish to file ......an action regarding Damage to Checked Baggage, you must write and complain as soon as possible. In the case of Damage to Checked Baggage, you must write and complain within seven (7) days and in the case of Delay within twenty-one (21) days in both cases from the date on which the Baggage was placed at your disposal”* fis-sens li dan l-PIR ghandu l-istess jigi kkonsidrat bhala lment anke a fini tal-istess disposizzjoni, ghaliex altrimenti jkunu qed jirrikjedu iktar minn dak rikjest fil-Montreal Convention ghaliex b’hekk r-responsabbilta’ tal-*carrier* skond l-istess konvenzjoni tkun qed tigi eluza jew eliminata u dan ma huwiex permess skond l-**artikolu 27 tal-Konvenzjoni** li trendi kull kundizzjoni in konflitt mal-provedimenti tal-istess bhala mhux permissibbli tant li kull klawsola kontrattwali hekk inserita tigi kkonsidarata bhala nulla u bla effett skond l-**artikolu 47 tal-Konvenzjoni**; li tali PIR hija kkonsidrata bhala lment a bazi tal-**artikolu 31 tal-Konvenzjoni** huwa kkonfermat mill-fatt li l-linji tal-ajru l-ohra kollha dejjem ikkunsidrat l-PIR bhala konsonanti ma’ dak rikjest fl-istess artikolu u dan bl-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta – meta allura t-Tribunal sostna li l-kundizzjonijiet tar-Ryan Air huma iktar oneruzi ghaliex

interpreta il-kondizzjoni fil-kuntratt ta’ garr tas-socjeta’ konvenuta li jirrikjedu barra PIR claim bil-miktub fil-perjodu specifikat mela allura l-istess Tribunal kien qed jinjora d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 27 u 47 tal-Konvenzjoni** u dan ghaliex tali interpretazzjoni tirrendi tali disposizzjoni tas-socjeta’ konvenuta fil-kuntratt ta’ garr taghha bhala iktar oneruza minn dak provdut mill-Konvenzjoni u allura bhala tali mhux enforzabbli ghaliex huma nulli u bla effett skond l-istess Konvenzjoni; (b) fil-kuntest ta’ ghejbin ta’ bagalji dawn il-kundizzjonijiet ma japplikawx fis-sens li dak li huwa rikjest huwa li ssir azzjoni fit-terminu stipulat u la darba f’dan il-kaz l-bagalji ta’ John Mercieca intilfu fit-13 ta’ Jannar 2009 (Dok. “JG3”) u l-kawza saret fit-28 ta’ Ottubru 2009 mela allura tali azzjoni saret fit-terminu preskritt; (c) dwar il-prova ta’ danni din saret permezz tal-prova ta’ min ezamina l-bagalji sabiex jara jekk jissewwewx jew jekk jinbidlux – u mhux necessarju li tigi provduta l-ircevuta ghall-bagalja li garrbet il-hsara ghaliex dan hadd verament ma jzomm tali ricevuta u ghalhekk jekk interpretata b’dan il-mod allura jkun ifisser li ghal darba ohra gew imposti kondizzjonijiet iktar oneruzi li jtendu sabiex jeludu d-drittijiet tal-passigiera; (d) la darba t-Tribunal kien tal-fehma li kien hemm diversi eccezzjonijiet vessatorji jew mhux relatati mat-talbiet mela allura ma setax jikkundanna taht kull cirkostanza lis-socjeta’ attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Illi din il-Qorti thoss li effettivament l-ewwel aggravju gie trattat estensivament fid-decizjoni ben motivata moghtija mit-Tribunal u din il-Qorti thoss li s-socjeta’ appellanti ma ottemperatx ruhha mat-termini ndikati fl-**artikolu 31 tal-Montreal Convention** ghaliex fir-rigward ta’ hsara lill-bagalji kellu jsir *complaint* lill-*carrier* fi zmien 7 t’ijiem mid-data ta’ meta giet ircevuta l-istess merkanzija, u l-istess jinghad fit-*Terms and Conditions and General Conditions of Carriage Policy* ta’ Ryan Air u mill-provi prodotti dan ma jirrizutax li sar. Din il-Qorti thoss ukoll li gie deciz sew li l-PIR report mhuwiex il-*complaint* bil-mitkub li ghandha ssir lill-*carrier* kemm ai termini tal-istess ligi internazzjonali kif ukoll ai termini specifici ta’ provizjonijiet stipulati minn Ryan Air, li bl-ebda mod, f’dan il-kaz ma jirrizulta li jmorru lil hinn jew jiksru dak stabbilit fl-istess konvenzjoni. Din id-

decizjoni appellata tispjega sew kemm permezz ta' dokumenti u kemm permezz ta' xhieda, mhux lanqas dik ta' Louis Degiorgio ghan-nom ta' Globe Ground Malta Limited u kif ukoll dik ta' Aileen Haely. Jirrizulta wkoll li l-PIR report ma huwiex il-*complaint* bil-miktub li t-Trattat, l-Ligi u l-Kondizzjoni ta' garr bejn il-parijiet jikkontempla, u dan jirrizulta wkoll mill-istess PIR li jghid testwalment li *"This report does not constitute a claim or admission of liability".* Certament li f'dan il-kaz dan huwa car, kif hija cara l-Konvenzjoni u l-Ligi u ghalhekk lanqas biss hemm lok ta' interpretazzjoni ghaliex dak li inghad ghandu tifsira skjetta u cara u ma jistax jinghad li hemm xi ambigwita' fis-sinifikat tal-istess.

Illi dan li gie ritenut huwa wkoll konformi ma' dak li jinghad skond l-**Air Transport Users Council** fis-sens li:-

*"If at all possible, you should report any mishandled baggage problems to the service desk in the baggage collection hall before you leave the airport. It is not a legal requirement to do so, but it is very difficult to make a claim if you do not.*

*Property Irregularity Report*

*When you report a baggage problem at the airport, the airline or agent (there will not be separate service desks for every airline) should make out a Property Irregularity Report (PIR) and give you a copy. Your airline will want to see the PIR when making a claim. But it is not a legal requirement to have a PIR and an airline should not simply dismiss the claim without one.*

*The PIR does not itself constitute a formal claim. You will need to write to the airline, within certain time limits (see below), enclosing a copy of the PIR.*

*Time Limits*

*The Montreal Convention states that claims should be made to an airline in writing within specified time limits. The Time limits are:*

*damaged baggage – seven days from the receipt of the bags.*

*Delayed baggage – twenty one days from delivery*

*Lost baggage – no time limit specified in the convention (but we advise making the complaint as soon as possible after the bag has been missing for twenty one days – see "lost baggage" above – or after the airline has declared the bag lost if sooner"* **(Air Transport Users Council** http://www.auc.org.uk/default.aspx?catid=306pagetype=90pageid=10190).

Illi ghalhekk la darba dawn it-termini ma gewx rispettati mela allura l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li dwar nuqqas ta' oggetti l-istess Tribunal hass li l-prova tal-allegat valur tan-nuqqas tal-istess oggetti ma giex sodisfacentement ippruvat mis-socjeta' appellanti u dan apparti l-fatt li ma saritx *claim*. Ovvjament dwar l-evalwazzjoni ta' fatti, u f'dan il-kaz, jekk is-socjeta' attrici ppruvatx id-danni reklamati hemm l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, u f'dan il-kaz din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-istess diskrezzjoni tat-Tribunal fl-apprezzament ta' provi u allura din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz is-socjeta' attrici ma ppruvatx l-allegazzjonijiet fil-grad rikjest mill-ligi, meta l-oneru ta' prova kien impost fuqha u ser toqghod fuq dak li hemm fid-decizjoni appellata. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi t-tielet aggravju huwa wkoll dwar apprezzament ta' provi dwar danni reklamati u hawn ukoll din il-Qorti thoss li skond dak deciz fis-sentenza **"Angelo Bilocca vs John Mary Cardona"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011) dan huwa aggravju msejjes sostanzjament fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mit-Tribunal. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal. F'dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenzi **"Carmel Zammit et vs Anthony Lia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Ottubru 2009) u **"Noel Cutajar vs**

**Graziella Zahra”** (A.I.C. (RCP) – 11 ta’ Ottubru 2011) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti, din ta’ l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti giet ezercitata manifestament hazin. F’dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet **“Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited”** (A.C. - 4 ta’ Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-

*“Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi l-ahhar aggravju ma jistax lanqas gie milqugh ghaliex il-kawza giet deciza fuq eccezzjonijiet li gew moghtija mis-socjeta’ appellata u liema eccezzjonijiet gew trattati – eccezjonijiet ohra t-Tribunal irrefera ghalihom izda lanqas biss ezaminahom ghaliex ma kienx hemm bzonn li jsir dan. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint u ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tas-socjeta’ appellata datata 31 ta’ Awwissu 2011 biss in kwantu l-istess hija konformi ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta’ appellanti GasanMamo Insurance Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 8 ta’ Lulju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi “GasanMamo Insurance**

**Limited kif hekk surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha hemm indikati vs RyanAir Limited" (Talba Numru 897/09/MK) datata 20 ta' Gunju 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti GasanMamo Insurance Limited fil-kwalita' taghha premessa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------